

Mistoqsija għal twegjiba orali O-00007/2015

lill-Kummissjoni

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

Birgit Sippel, Tanja Fajon, Soraya Post, Sylvie Guillaume, Péter Niedermüller, Kati Piri, Juan Fernando López Aguilar, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Damian Drăghici, Caterina Chinnici, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Hugues Bayet, Miltiadis Kyrkos, Daniele Viotti, Luigi Morgano, Emilian Pavel

f'isem il-Grupp S&D

Laura Ferrara, Ignazio Corrao

Suġġett: Il-qafas il-ġdid għall-istat tad-dritt

L-istat tad-dritt huwa msemmi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) bħala wieħed mill-valuri li fuqu hija bbażata l-Unjoni, flimkien mar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi id-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. L-istat tad-dritt huwa msemmi wkoll fil-preamboli tat-TUE u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-valuri u l-prinċipji msemmija hawn fuq mhumiex effettivament garantiti, jew protetti b'mod ugwali, fl-Istati Membri kollha.

L-UE teftieg strument effikaċi, supplimentari għall-Artikolu 7 TUE, għal sitwazzjonijiet fejn Stati Membri ma jkunux qed jipprovdu ħarsien minn diskriminazzjoni, emarġinazzjoni u persekuzzjoni. Teżisti f'hegħa partikolari għal mekkaniżmu ta' sorveljanza fir-rigward tad-diskriminazzjoni u d-drittijiet tal-minoranzi. Il-Parlament appella għal tali mekkaniżmu f'diversi okkażjonijiet, l-aktar reċenti fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea¹ u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar l-evalwazzjoni tal-ġustizzja fir-rigward tal-ġustizzja kriminali u l-istat tad-dritt².

Fil-11 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni ressqet komunikazzjoni li tistabbilixxi qafas ta' protezzjoni tal-istat tad-dritt, u fis-16 ta' Diċembru 2014 il-Kunsill iddeċieda li jniedi djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt. Filwaqt li dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, dan ma jikkostitwixxix il-mekkaniżmu effikaċi għal valutazzjoni regolari tal-konformità tal-Istati Membri mal-valuri fundamentali tal-UE li għalihom il-Parlament appella.

- 1 Il-Kummissjoni kif se tipproċedi bil-qafas tagħha, li tressaq fil-11 ta' Marzu 2014, bil-għan li tindirizza theddid sistematiku għall-istat tad-dritt? Il-Kummissjoni kif beħsiebha tinforma lill-Parlament fuq bażi regolari dwar il-miżuri li ttieħdu skont dan il-mekkaniżmu?
- 2 X'azzjonijiet oħra se tieħu l-Kummissjoni biex tistabbilixxi mekkaniżmu effikaċi bil-għan li tigarantixxi li l-valuri fundamentali tal-UE huma mħarsa fl-Istati Membri?

Imressqa: 30.1.2015

Mgħoddija: 3.2.2015

L-iskadenza għat-twegjiba: 10.2.2015

¹ Testi adottati, P7_TA(2014)0173.

² Testi adottati, P7_TA(2014)0231.